# Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek
## Adorazzjoni Ewkaristika għal Żmien l-Għid
## April 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Il-Ħaruf temagħna laħmu,
tana l-lbies tas-salvazzjoni,
qsamna sħaħ il-Baħar l-Aħmar:
ngħannu 'l Kristu l-prinċep tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fuq l-altar ta' salib aħrax
offra għalina ġismu mqaddes;
sqiena demmu, li hu xerrdu
ħalli nistgħu ngħixu b'Alla.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kristu qam rebbieħ mill-qabar,
minn qiegħ l-art ħareġ imsebbaħ;
jassar l-għadu darba għal dejjem,
u fetħilna bwieb il-ġenna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ibqa' ħares dejjem fina
ferħ il-Għid, Ġesù Messija;
kif għall-grazzja rġajt wellidtna,
fil-qawmien seħibna miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Bejn Ħadd il-Għid u t-Tieni Ħadd tal-Għid il-Knisja tiċċelebra l-Ottava tal-Għid li permezz tagħha testendi l-ferħ kbir tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet għal tmint ijiem sħaħ. Anke t-talb liturġiku jenfasizza li daqslikieku kull jum tal-Ottava huwa ċelebrazzjoni tal-Għid. U kuljum tiftaħ mill-ġdid bieb ieħor, partikolarment għal dawk li jkunu tgħammdu fil-Vġili tal-Għid, imma wkoll għalina li fil-lejl qaddis tas-Sibt li għadda ġeddidna l-wegħdiet tal-Magħmudija

tagħna, sabiex nidħlu iktar fil-fond tal-misteru tiegħek ħalli tassew inħallu lill-Mulej jgħix dan l-istess misteru fina.
F'dawn il-ġranet, bħal donnu l-eku tal-Hallelujah, li kisret is-skiet tar-Randan u t-Tridu tal-Għid, issa jibqa' jidwi u jqanqalna bil-ferħ sabiex infaħħru lill-Mulej. Wara kollox, l-istess kelma "hallelujah" għandha din it-tifsira litterali għax hi magħmula mill-verb Għebrajk "hillel"—li jindika l-azzjoni ta' tifħir—u n-nom "jah" li huwa taqsira tal-isem ta' Alla. Għalhekk, ejjew aħna wkoll f'dan il-ħin ta' adorazzjoni, inħallu l-kliem ta' tifħir li nsibu f'Salm 106 ifur minn qalbna, billi ntennu flimkien: *Hallelujah, hallelujah, hallelujah.*

(Salm 106, 1-2. 4-5. 8-12. 47-48)

Hallelujah! Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!
Min jista' jsemmi l-għemejjel kbar tal-Mulej,
jew isemma' t-tifħir tiegħu kollu? ***R/.***

Ftakar fija, Mulej,
fi mħabbtek għall-poplu tiegħek;
aħseb fija bis-salvazzjoni tiegħek,
biex nara l-ġid tal-magħżulin tiegħek,
biex nifraħ għall-ferħ ta' ġensek,
u niftaħar mal-poplu ta' wirtek. ***R/.***

Hu salvahom minħabba f'ismu,
biex juri l-qawwa tiegħu.
Ċanfar lill-Baħar tal-Qasab, u dan nixef;
mexxiehom f'qiegħ il-baħar bħal f'deżert. ***R/.***

Salvahom minn id dawk li jobogħduhom;
fdiehom minn id l-għedewwa tagħhom.
L-ilma għatta lil dawk li għakksuhom;
anqas wieħed ma baqa' minnhom.
Imbagħad emmnu fi kliemu,
u għana ta' tifħir għannewlu. ***R/.***

Salvana, Mulej, Alla tagħna,
u iġmagħna minn fost il-ġnus,
biex irroddu ħajr lill-isem qaddis tiegħek
u niftaħru bit-tifħir tiegħek. ***R/.***

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael,
minn dejjem għal dejjem!
Ħa jgħid il-poplu kollu: "Ammen!" Hallelujah! ***R/.***

## Innu Ewkaristiku

Matul din il-ġimgħa wkoll, f'kull quddiesa, tinqara waħda mill-ġrajjiet li seħħew fl-ewwel jum tal-ġimgħa jew fil-jiem li Ġesù qatta' jidher lill-Appostli sabiex jurihom li hu ħaj. Waħda minn dawn il-ġrajjiet hija dik li nsibu fir-Raba' Evanġelju, fejn Ġesù juri ruħu lil Marija ta' Magdala wara li marret tgħid lid-dixxipli li l-ġisem ta' Sidha m'għadux midfun, u Pietru u d-dixxiplu l-maħbub imorru biex jivverifikaw dak li qalet hi. Iżda, wara li jitilqu lura, ir-rakkont jerġa' jippreżentalna lil Marija tibki ħdejn il-qabar.

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (20, 11-18)
F'dak iż-żmien, Marija baqgħet 'il barra mill-qabar, tibki. Kif kienet qiegħda tibki, tbaxxiet lejn il-qabar, u rat żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù. Huma qalulha: "Mara, għalfejn qiegħda tibki?" Hi wieġbet: "Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh."
Kif qalet hekk, daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù. Ġesù qalilha: "Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?" Hi ħasbet li kien il-ġardinar, u qaltlu: "Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura."
Ġesù sejħilha: "Marjam!" Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: "Rabbuni!" jiġifieri Mgħallem. Ġesù qalilha: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom." Marija ta' Magdala marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: "Rajt lill-Mulej!" u qaltilhom x'qalilha.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.

Mulej, il-ħajja hija mimlija mistoqsijiet—kemm mistoqsijiet li nagħmlu aħna, kif ukoll mistoqsijiet li jagħmlilna ħaddieħor. Mistoqsijiet li mhux dejjem inwieġbu għalihom bl-aħjar mod jew li għalihom niksbu t-tweġiba li nkunu nixtiequ.
Imma lil Marija ta' Magdala f'dik l-għodwa għamiltilha mistoqsija mill-iktar fundamentali, li tmur ferm lil hinn minn dak li riedet tkun taf hi, jiġifieri fejn kien jinsab il-katavru tiegħek bħala l-aħħar fdal ta' dak li ħelisha mill-jasar tagħha. "Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?" ... "Lil min qiegħda tfittex?" Mistoqsija li titfaċċa drabi oħra fin-nisġa tal-Evanġelju skont San Ġwann. Lill-ewwel dixxipli li ġew warajk, wara li Ġwanni l-Battista wriek bħala l-Ħaruf ta' Alla, hekk ukoll staqsejthom: "Xi tridu?" Jew aħjar: "X'qed tfittxu?"
Din il-mistoqsija toħroġ ukoll għal darbtejn minn fommok fil-Ġnien taż-Żebbuġ fejn b'rieda soda tmur tiltaqa' mal-ġgajta suldati li ġiet għalik flimkien ma' Ġuda u tistaqsihom: "Lil min qegħdin tfittxu?" Tagħmlilhom din il-mistoqsija wara li

kienu ilhom ifittxu li joqtluk bla ma jaslu. U bir-raġun, għax is-siegħa tiegħek kienet għadha ma waslitx. Imma hemmhekk fil-Ġetsemani s-siegħa kienet waslet u, bla ħabi, stqarrejt l-identità tiegħek, hekk li dik it-tajfa tgerfxet u waqgħet lura. Għal darb'oħra wkoll fi ġnien, lil Marija tistaqsiha lil min qiegħda tfittex. U f'dan iż-żmien, wara li miegħek għaddejna mill-mewt għall-ħajja fiċ-ċelebrazzjoni tal-mgħodija tal-Għid, inti tagħmlilna l-istess mistoqsija: Lil min qegħdin tfittxu? Lil min qiegħed tfittex? Lil min qiegħda tfittex? Jistgħu jkunu ħafna t-tweġibiet, imma żgur li bla tlaqliq se ngħidulek li qed infittxu lilek għax nafu li dik hi t-tweġiba li suppost nagħtu.
Imma inti m'intix interessat fit-tweġibiet tal-kotba, imma, bħala l-Mulej ħaj li qegħdin fil-preżenza tiegħek, inti ssejħilna b'isimna biex turina li tagħrafna u tafna, u titlob minna tweġiba onesta. Wara kollox, inti tafhom diġà l-ħafna xewqat li hemm fina: uħud importanti iktar minn oħrajn; uħud huma bżonnijiet mistħajla u superfiċjali filwaqt li oħrajn huma iktar profondi u jmissu l-qalba tar-ruħ tagħna u l-qalba ta' min aħna. U hija din ir-realtà konkreta tagħna—profonda u superfiċjali fl-istess ħin—li inti tridna nikkonfrontaw għax ta' spiss insibu ruħna b'qalbna maqtugħa minna nfusna u minn dak li tassew nixtiequ, qisna Marija bil-ħarsa lejn il-qabar, tibki u tolfoq u tibqa' ma tarax.
Mulej, agħmel li nisimgħuha din il-mistoqsija tiegħek tidwi fil-fond ta' qalbna. Veru, jekk nagħżlu li nħalluha ċċaqlaqna mill-kumdità tagħna, meta nduru mill-ħarsa lejn id-dlam tal-qabar għal fuqek li tidher kważi dell minħabba fix-xemx qawwija warajk, hemm ċans li ma nagħrfukx mill-ewwel, li l-mistoqsijiet jibqgħu bla tweġiba, li l-uġigħ u l-ilfieq ma jtaffix. Imma agħtina l-grazzja li nibqgħu hawn, ma nċedux, ma ndawrux denbna u nitilqu, imma nibqgħu nistennew sakemm nisimgħuk issejħilna b'isimna biex sa fl-aħħar il-ferħ tal-qawmien għalina jsir tassew l-ossiġnu li bih ngħixu.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

## Innu Ewkaristiku

Wara li tagħrfek, nistħajjel li Marija qabżet bil-ferħ biex tgħannqek, u inti—probabbilment bi tbissima u forsi nofs daħqa—tgħidilha biex ma tmissikx—jew aħjar, ma żżommokx—għax il-laqgħa personali miegħek ħaj la Marija u lanqas aħna ma nistgħu neħlu magħha. Filwaqt li nibqgħu nġorruha magħna, il-ferħ tal-laqgħa miegħek ifur fil-missjoni: "mur għand ħuti." U Marija immedjatament tilqa' din il-missjoni li sservi ta' appostlu għall-appostli billi tiftaħ l-għeluq tagħhom bl-aħbar li ratek.
Hekk ukoll aħna, Mulej: hekk kif dalwaqt nirċievu l-barka tiegħek u niġu mibgħuta naqsmu l-ferħ tal-laqgħa tagħna miegħek, ma jistax ikun li minn hawn ġew stess—hekk qrib tiegħek u hekk qrib tagħna—ma nħallux li qalbna tinfetaħ

sabiex tilqa' d-dinja fiha ħalli twassallek il-karbiet tad-dinja u l-umanità tkun tista' tilqa' mingħandna l-ferħ tiegħek.

- Wettaq il-Knisja tiegħek hija u tħabbar lill-bnedmin kollha li inti Alla ħaj, rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub proprju permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħek. Nitolbu.
- Inpoġġu f'ġenbek miftuħ, Mulej, lil dawk li madwar id-dinja jisfgħu msikkta jew umiljati minħabba l-fidi tagħhom, twemmin politiku, jew sempliċiment bħala konsegwenza tal-għażla radikali tagħhom favur il-ġustizzja. Nitolbu.
- Iftaħ l-oqbra u agħmi bid-dija tiegħek lil dawk kollha li jgħammru fid-dlam tan-niket u tal-qtigħ il-qalb, fid-dlam tar-ruħ u tal-moħħ. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ b'isimhom żgħażagħ ġenerużi sabiex bħal Marija jesperjenzaw b'mod qawwi l-imħabba tiegħek hekk li jiddedikaw ħajjithom sabiex jaqsmu din l-istess imħabba. Nitolbu.
- Sejjaħ ukoll b'isimhom lil ħutna li raqdu bit-tama tal-qawmien u lill-mejtin kollha, u iftaħ għalihom il-bibien tas-Saltna tiegħek. Nitolbu.

Mulej Ġesù, Mgħallem tagħna, li għażilt lil Marija ta' Magdala qabel kulħadd biex ixxandar il-ferħ tal-Għid, ilqa' nitolbuk dawn talbiet fqajra tagħna ħalli bħala noħorġu mġedda biex inħabbru li inti ħaj u tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali